



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10074/22

LIMITE

POLCOM 56
COEST 445
CODEC 886

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0188(COD)**

PROPOSTA


minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 288 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 288 final.

Mehmuż: COM(2022) 288 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA



Brussell, 9.6.2022
COM(2022) 288 final

2022/0188 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna sa mill-24 ta' Frar 2022 kellha impatt negattiv profund fuq il-kapaċità tar-Repubblika tal-Moldova ("il-Moldova") li tinnegozja mal-bqija tad-dinja, b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-esportazzjonijiet tal-Moldova kienu jiddependu fuq it-tranżitu mit-territorju Ukren u fuq l-infrastruttura tal-Ukrajna, li issa fil-biċċa l-kbira mhumiex disponibbli. F'dan il-kuntest diffiċli, il-Moldova talbet lill-Unjoni tiffaċilita kemm jista' jkun il-kundizzjonijiet biex il-pajjiż ikun jista' jidderieġi mill-ġdid lejn l-UE parti mill-kummerċ tiegħu mal-bqija tad-dinja, sabiex tkompli tapprofondixxi r-relazzjonijiet kummerċjali tagħha mal-Unjoni u tappoġġa l-ekonomija tagħha. Biex isir dan, jeħtieġ li jiżdied il-livell ta' liberalizzazzjoni tas-suq, b'mod partikolari għall-prodotti agrikoli soġġetti għal kwoti tariffarji annwali mingħajr dazju ("TRQs") skont l-Anness XV-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni")¹ li jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles approfondita u komprensiva ("DCFTA").

Għalhekk, il-Kummissjoni qed tipproponi Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-forma ta' kwoti addizzjonali mingħajr tariffi fuq xi prodotti agrikoli li għadhom soġġetti għat-TRQs li għandhom japplikaw għal perjodu ta' sena.

Skont l-Anness XV-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, seba' prodotti agrikoli mill-Moldova huma soġġetti għat-TRQs. Dawn il-prodotti huma: tadam, tewm, għeneb tal-mejda, tuffieħ, ċirasa, għajnbaqar u meraq tal-għeneb. Tnejn minn dawn il-prodotti (għajnbaqar u għeneb tal-mejda) ġew esportati mill-Moldova f'volumi kbar lejn swieq terzi, b'mod partikolari lejn ir-Russja, il-Belarus u l-Ukrajna. Għal dawn il-prodotti, huwa xieraq li jiġu introdotti kwoti addizzjonali mingħajr dazju biex jappoġġaw temporanjament ir-ridirezzjonar lejn l-Unjoni, jekk meħtieġ, tal-volumi tal-bejgħ oriġinarjament diretti lejn daww is-swieq. Għall-prodotti li jifdal (it-tadam, it-tewm, it-tuffieħ, iċ-ċirasa u l-meraq tal-għeneb), il-kwoti l-ġodda introdotti jkunu jikkonsistu f'volum addizzjonali mingħajr dazju tal-istess daqs bħal dak previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Dawn il-miżuri temporanji u eċċezzjonali ser jappoġġaw u jrawmu l-flussi kummerċjali eżistenti mill-Moldova lejn l-Unjoni u jappoġġaw l-ekonomija tal-Moldova. Dan huwa konformi mal-obiettivi ewlenin tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, jiġifieri li jistabbilixxi kundizzjonijiet għal relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali msaħħa li jwasslu għall-integrazzjoni gradwali tal-Moldova fis-Suq Intern tal-UE u jikkontribwixxi għat-tiġid tad-demokrazija u għall-istabbiltà politika, ekonomika u istituzzjonali fil-Moldova.

Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti skont din il-proposta għal Regolament jittieħdu b'osservanza tal-impenn fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li jħaddan bħala

¹ Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 240, 30.8.2014, p. 4) ġie ffirmat mill-Partijiet fis-27 ta' Ġunju 2014. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA) ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Settembru 2014 u ilu fis-seħħ bis-sħiħ mill-1 ta' Lulju 2016 wara r-ratifika mill-Istati Membri kollha tal-UE.

elementi essenzjali tal-Ftehim ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, materjali relatati u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom. Barra minn hekk, skont l-istess Artikolu, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom b'mod partikolari għall-prinċipji ġenerali tar-rispett għall-prinċipju tal-istat tad-dritt u l-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-attivitajiet kriminali, organizzati jew le, inklużi dawk ta' karattru transnazzjonali, u t-terroriżmu, u r-rispett għall-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli u multilateraliżmu effettiv. Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ infushom ikunu kondizzjonali fuq ir-rispett ta' dawn l-elementi essenzjali u l-prinċipji ġenerali.

Barra minn hekk, il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jinsabu f'din il-proposta għandhom l-għan li jiżguraw, f'konformità mal-Artikolu 207(1) TFUE, li l-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni titmexxa fil-kuntest tal-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 TUE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Dawn il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ ikunu konsistenti mal-implimentazzjoni tal-Ftehim u b'mod partikolari mat-Titolu V li jistabbilixxi DCFTA, li jipprevedi li l-Partijiet għandhom jistabbilixxu progressivament żona ta' kummerċ ħieles fuq perjodu tranżitorju ta' massimu ta' 10 snin li jibda mid-dħul fis-seħħ ta' dak il-Ftehim (l-Artikolu 143 tal-Ftehim).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-Unjoni Ewropea kkundannat bil-qawwa l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u ħadet passi sinifikanti biex tappoġġa lill-Moldova f'dan il-kuntest eċċezzjonali, inkluż appoġġ umanitarju u fil-fruntieri addizzjonali, assistenza makrofinanzjarja u miżuri biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ fil-kuntest diffiċli attwali. Ir-Regolament propost għalhekk jikkonforma mal-obbligu tal-Unjoni skont l-Artikolu 21(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tiżgura konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha, kif ukoll mal-Artikolu 207(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprevedi li l-politika kummerċjali komuni għandha titwettag fil-kuntest tal-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika tal-proposta hija l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-politika kummerċjali komuni, f'konformità mal-Artikolu 3(1)(e) tat-TFUE, hija definita b'ħala kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija meħtieġa sabiex tiġi implimentata l-politika kummerċjali komuni u sabiex jinkiseb l-għan li l-Moldova tiġi appoġġata ekonomikament fid-diffikultajiet attwali tagħha, anke fil-qasam tal-kummerċ mal-Unjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 207(2) tat-TFUE u taqa' taħt il-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni ekonomika fil-Moldova, huwa importanti li r-Regolament jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun. Għalhekk, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt għall-miżura inkwistjoni. Madankollu, id-dispożizzjonijiet kummerċjali u relatati mal-kummerċ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kienu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt fuq is-sostenibbiltà kkummissjonata u ppubblikata mid-DĠ Kummerċ fl-2012 li kkontribwixxiet għall-proċess ta' negozjar tad-DCFTA. Dan l-istudju kkonferma li l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-kummerċ u relatati mal-kummerċ jkollhom impatt ekonomiku pożittiv kemm għall-UE kif ukoll għall-Moldova.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżura ma żżidx il-piż regolatorju tal-kumpaniji.

- **Drittijiet fundamentali**

Dawn il-miżuri josservaw l-istess prinċipji bażiċi bħal daww minquxa fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. B'mod partikolari, l-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprovdi li r-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jikkostitwixxu elementi essenzjali ta' dak il-Ftehim.

Il-miżuri jkunu wkoll konformi mal-Karta Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Abbażi ta' stima skont il-livell tal-importazzjonijiet mill-Moldova fl-2021, l-Unjoni Ewropea se tara telf ta' dħul doganali li jikkorrispondi għal madwar EUR 0.3 miljun fis-sena. Għalhekk, l-impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-UE se jkun limitat ħafna.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-rapportar online dwar l-evoluzzjoni tal-kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Moldova huwa disponibbli permezz ta' siti web apposta tal-Kummissjoni Ewropea.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' kriżi fil-Moldova bħala riżultat tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, il-miżura għandha l-għan li żżid il-flussi kummerċjali mill-Moldova billi tagħti importazzjonijiet addizzjonali mingħajr tariffi fl-Unjoni għall-prodotti agrikoli tal-Moldova. Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ jingħataw fil-forma ta' kwoti addizzjonali mingħajr tariffi għal xi prodotti agrikoli li għadhom soġġetti għat-TRQs.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova ("il-Moldova"), min-naħa l-oħra³ (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni") jikkostitwixxi l-bażi tar-relazzjoni bejn l-Unjoni u l-Moldova. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/492/UE⁴, it-Titolu V tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li jirrigwarda l-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ, ġie applikat proviżorjament mill-1 ta' Settembru 2014, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016, wara r-ratifika mill-Istati Membri kollha.
- (2) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jesprimi x-xewqa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (il- "Partijiet") li jsaħħu u jwessgħu r-relazzjonijiet b' mod ambizzjuż u innovattiv, li jiffaċilitaw u jiksbu integrazzjoni ekonomika gradwali, u li jagħmlu dan f'konformità mad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija tal-Partijiet fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.
- (3) L-Artikolu 143 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprovdi għall-istabbiliment progressiv ta' żona ta' kummerċ ħieles bejn il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali tal-1994 dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ('GATT 1994'). Għal dan il-għan, l-Artikolu 147 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprevedi l-eliminazzjoni

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

³ ĠU L 240 tat-30.8.2014, p. 4

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/492/UE tas-16 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 260, 30.8.2014, p. 1).

progressiva tad-dazji doganali f'konformità mal-Iskedi inklużi fih u l-possibbiltà li l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali eliminazzjoni jitħaffef u jitwessa'.

- (4) Il-gwerra mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna mill-24 ta' Frar 2022 kellha impatt negattiv profondament fuq il-kapaċità tal-Moldova li tinneozja mal-bqija tad-dinja, b'mod partikolari minħabba li l-esportazzjonijiet tal-Moldova kienu jiddependu għal dak il-kummerċ fi tranżitu mit-territorju Ukren u fuq l-infrastruttura tal-Ukrajna, li issa fil-biċċa l-kbira mhumiex disponibbli. Biex jittaffew l-effetti negattivi fuq l-ekonomija tal-Moldova, jeħtieġ li jitħaffef l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ekonomiċi eqreb bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova u li jingħata appoġġ rapidu lill-ekonomija tal-Moldova f'dawn iċ-ċirkostanzi kritiċi. Huwa għalhekk meħtieġ u xieraq li jiġu stimolati l-flussi kummerċjali tal-Moldova fil-forma ta' miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jagħtu kwoti addizzjonali mingħajr tariffi għal seba' prodotti agrikoli li għadhom soġġetti għal kwoti tariffarji annwali mingħajr dazju ("TRQs"), f'konformità mal-aċċellerazzjoni tal-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq il-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Moldova.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 21(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura l-konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha. Skont l-Artikolu 207(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jenħtieġ li l-politika kummerċjali komuni titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.
- (6) Jenħtieġ li l-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ stabbiliti b'dan ir-Regolament jieħdu l-forma ta' kwoti addizzjonali temporanji mingħajr tariffi fuq xi prodotti agrikoli li għadhom soġġetti għat-TRQs. Permezz ta' dawn il-miżuri l-Unjoni se tapprofondixxi l-integrazzjoni ekonomika bejn il-Moldova u l-Unjoni u tipprovdi temporanjament appoġġ ekonomiku xieraq għall-benefiċċju tal-Moldova u l-operaturi ekonomiċi li huma affettwati. Skont l-Anness XV-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, seba' prodotti agrikoli mill-Moldova huma soġġetti għat-TRQs. Dawn il-prodotti huma: tadam, tewm, għeneb tal-mejda, tuffieħ, ċirasa, għajnbaqar u meraq tal-għeneb. Tnejn minn dawn il-prodotti (għajnbaqar u għeneb tal-mejda) ġew esportati mill-Moldova f'volumi kbar lejn swieq terzi, b'mod partikolari lejn ir-Russja, il-Belarus u l-Ukrajna. Għal dawn il-prodotti, huwa xieraq li jiġu introdotti kwoti addizzjonali mingħajr dazju biex jappoġġaw temporanjament ir-ridirezzjonar lejn l-Unjoni, jekk meħtieġ, tal-volumi tal-bejgħ orġinarjament diretti lejn daww is-swieq. Għall-prodotti li jifdal (it-tadam, it-tewm, it-tuffieħ, iċ-ċirasa u l-meraq tal-għeneb), it-TRQ li għadha kif ġiet introdotta tkun tikkonsisti f'volum addizzjonali mingħajr dazju tal-istess daqs bħal dak previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
- (7) Sabiex jiġi evitat frodi, jenħtieġ li l-jedd għall-miżuri kummerċjali stabbiliti permezz ta' dan ir-Regolament ikunu kondizzjonali fuq il-fatt li hekk kif il-Moldova tkun ikkonformat mal-kondizzjonijiet rilevanti kollha biex jinkisbu l-benefiċċji skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż ir-regoli tal-orġini tal-prodotti kkonċernati u l-proċeduri relatati magħhom, kif ukoll l-involvement tal-Moldova f'kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib mal-Unjoni, kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
- (8) Jenħtieġ li l-Moldova żżomm lura milli tintroduċi dazji jew imposti ġodda li jkollhom effett ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għall-importazzjonijiet li joriġinaw fl-Unjoni, milli żżid il-livelli eżistenti ta' dazji jew imposti jew milli tintroduċi kwalunkwe restrizzjoni oħra, sakemm ma tkunx iġġustifikata b'mod ċar fil-kuntest tal-gwerra. Fil-każ li l-Moldova tonqos milli

tkun konformi ma' kwalunkwe waħda minn dawk il-kondizzjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tissospendi temporanjament il-miżuri ta' kummerċ kollha jew parti minnhom stabbiliti minn dan ir-Regolament.

- (9) L-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprevedi li, fost affarijiet oħra, l-osservanza għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, materjali relatati u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom jikkostitwixxu elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Skont l-istess Artikolu, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom b'mod partikolari għall-prinċipji ġenerali li ġejjin: ir-rispett għall-prinċipju tal-istat tad-dritt u l-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-attivitajiet kriminali, organizzati jew le, inklużi dawk ta' karattru transnazzjonali, u t-terroriżmu, u r-rispett għall-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli u multilateraliżmu effettiv. Huwa xieraq li tiġi introdotta l-possibbiltà li jiġu sospiżi temporanjament il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'dan ir-Regolament jekk il-Moldova tonqos milli tirrispetta jew l-elementi essenzjali jew il-prinċipji ġenerali msemmija qabel tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
- (10) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tissospendi temporanjament il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ imsemmija fil-premessa 7 f'każijiet fejn il-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament huma jew jistgħu jiġu affettwati serjament mill-importazzjonijiet skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.
- (11) Soġġett għal investigazzjoni mill-Kummissjoni, huwa meħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġu sospiżi l-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ imsemmija fil-premessa (6) fir-rigward ta' prodott wieħed jew aktar li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għall-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta.
- (12) Jenħtieġ li r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv, li huwa parti integrali mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, jinkludi valutazzjoni fid-dettall tal-implimentazzjoni ta' miżuri tal-kummerċ stabbiliti permezz ta' dan ir-Regolament.
- (13) Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni relatata mas-sitwazzjoni kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jitqies li huwa xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-TFUE u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.
- (14) Fid-dawl tal-urġenza tas-sitwazzjoni ekonomika fil-Moldova, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ

Minbarra l-kwoti tariffarji mingħajr dazju stabbiliti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-Anness XV-A tiegħu, il-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ammessi għall-importazzjoni fl-Unjoni mir-Repubblika tal-Moldova fil-limiti tal-kwoti tariffarji mingħajr dazju tal-Unjoni kif stabbilit f'dak l-Anness. Dawn il-kwoti tariffarji mingħajr dazju għandhom jiġu amministrati mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447⁶.

Artikolu 2

Kundizzjonijiet għall-intitolament għall-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ

Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti fl-Artikolu 1 għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-konformità mar-regoli tal-oriġini tal-prodotti u l-proċeduri relatati magħhom kif previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;
- (b) l-astensjoni tal-Moldova milli tintroduċi dazji jew imposti ġodda li jkollhom effett ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għal importazzjonijiet li joriġinaw mill-Unjoni, milli żżid il-livelli eżistenti ta' dazji jew imposti jew milli tintroduċi kull restrizzjoni oħra, inkluż miżuri diskriminatorji amministrattivi interni, sakemm dan ma jkunx iġġustifikat b' mod ċar fil-kuntest tal-gwerra; kif ukoll
- (c) ir-rispett tal-Moldova għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, materjali relatati u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom, ir-rispett għall-prinċipju tal-istat tad-dritt u l-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-attivitajiet kriminali, organizzati jew le, inklużi dawk ta' karattru transnazzjonali, u t-terroriżmu, u r-rispett għall-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli u multilateraliżmu effettiv previsti fl-Artikoli 2, 9 u 16 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 3

Sospensjoni temporanja tal-miżuri

1. Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm biżżejjed evidenza ta' nuqqas ta' konformità mill-Moldova mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, hija tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tissospendi kompletament jew parzjalment il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'dan ir-Regolament. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(2).

⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558)

2. Meta Stat Membru jitlob li l-Kummissjoni tissospendi kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'dan ir-Regolament abbażi ta' nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punt (b), il-Kummissjoni għandha tipprovdi opinjoni motivata fi żmien erba' xhur mit-talba dwar jekk iddikjarazzjoni tan-nuqqas ta' konformità tal-Moldova hijiex sostanzjata. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-allegazzjoni tkun sostanzjata, għandha tagħti bidu għall-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 4

Klawżola ta' salvagwardja

1. Fejn prodott li joriġina fil-Moldova jiġi importat fuq termini li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji lill-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament magħhom, il-miżura ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ prevista fl-Artikolu 1 tista' tiġi sospiża fi kwalunkwe ħin fir-rigward ta' dak il-prodott.
2. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja mill-qrib l-impatt ta' dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, filwaqt li tqis l-informazzjoni dwar l-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet u l-produzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti soġġetti għall-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ stabbiliti permezz ta' dan ir-Regolament.
3. Il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni biex tagħti bidu għal investigazzjoni f'perijodu ta' żmien raġonevoli:
 - (a) fuq talba ta' Stat Membru,
 - (b) fuq talba ta' persuna ġuridika jew assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li tagħxi f'isem il-produtturi tal-Unjoni, jiġifieri l-produtturi kollha fl-Unjoni jew proporzjon kbir minnhom ta' prodotti simili jew prodotti f'kompetizzjoni diretta; jew
 - (c) fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk ikun ċar għall-Kummissjoni li hemm biżżejjed evidenza prima facie tad-diffikultajiet serji għall-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew prodotti f'kompetizzjoni diretta kif imsemmija fil-paragrafu 1.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "proporzjon kbir ta' produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew prodotti f'kompetizzjoni diretta" ifisser il-produtturi fl-Unjoni li l-produzzjoni kollettiva tagħhom tikkostitwixxi aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali fl-Unjoni ta' prodotti simili jew prodotti f'kompetizzjoni diretta prodotti minn dak il-proporzjon tal-industrija fl-Unjoni li jesprimi appoġġ jew oppożizzjoni għat-talba, u li jirrappreżentaw mhux inqas minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-prodotti simili jew il-prodotti f'kompetizzjoni diretta prodotti mill-industrija fl-Unjoni.

4. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħti bidu għal investigazzjoni, għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li jħabbar il-bidu tal-investigazzjoni. L-avviż għandu jipprovdi sommarju tal-informazzjoni li tasal u jiddikjara li jenħtieġ li kull informazzjoni relevanti tintbagħat lill-Kummissjoni. Għandu jispeċifika l-perijodu li matulu l-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw fil-ħsibijiet tagħhom bil-miktub. Dan il-perjodu ma għandux jeċċedi erba' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż.

5. Il-Kummissjoni għandha tfitte l-informazzjoni kollha li tqis meħtieġa u tista' tivverifika l-informazzjoni li taslilha mal-Moldova jew kwalunkwe sors rilevanti ieħor. Hija tista' tiġi meġġuna mill-uffiċjali tal-Istati Membru li fit-territorju tiegħu tista' tintalab verifika, jekk dak l-Istat Membru jitlob tali assistenza minn dawk l-uffiċjali.
6. Meta tkun qed teżamina jekk jeżistux diffikultajiet serji għall-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew prodotti f'kompetizzjoni diretta kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis, fost l-oħrajn, il-fatturi li ġejjin li jikkonċernaw produtturi tal-Unjoni, fejn informazzjoni rilevanti tkun disponibbli:
 - is-sehem mis-suq,
 - il-produzzjoni,
 - il-ħażniet,
 - il-kapaċità tal-produzzjoni,
 - l-użu ta' kapaċità,
 - l-impjegi,
 - l-importazzjonijiet,
 - il-prezzijiet.
7. L-investigazzjoni għandha titlesta fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali il-Kummissjoni tista' testendi dak il-perijodu permezz ta' att ta' implimentazzjoni, adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(2).
8. Fi żmien tliet xhur mit-tlestija tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tissuspendix il-miżura ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ prevista fl-Artikolu 1 fir-rigward tal-prodott soġġett għall-investigazzjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(2). Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni tiegħu. Is-sospensjoni għandha tkun twila kemm ikun meħtieġ biex jiġi miġġieled id-deterjorament fis-sitwazzjoni ekonomika jew finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni, jew sakemm tippersisti t-theddida ta' tali deterjorament. Fejn il-fatti kif jiġu finalment stabbiliti juru li l-kondizzjonijiet indikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jkunux ġew sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jtemm l-investigazzjoni u l-proċedimenti. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(2) ta' dan ir-Regolament.
9. Fejn ċirkostanzi eċċezzjonali li jeħtieġu azzjoni immedjata jagħmluha impossibbli li ssir investigazzjoni, il-Kummissjoni tista', wara li tgħarraf lill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali msemmi fl-Artikolu 5(1), tiegħu kwalunkwe miżura preventiva li tkun meħtieġa.

Artikolu 5

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bl-Artikolu 285 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-

Kunsill⁷. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 6

Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ

Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv għandu jinkludi valutazzjoni fid-dettall tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'dan ir-Regolament u għandu jinkludi, sa fejn ikun xieraq, valutazzjoni tal-impatt soċjali ta' dawn il-miżuri fil-Moldova u fl-Unjoni. L-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet ta' prodotti skont l-Artikolu 1 għandha tkun disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

Artikolu 7

Dispożizzjoni tranżitorja

Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ għandhom japplikaw għal prodotti li fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ikunu taħt kontroll doganali fl-Unjoni, soġġett li ssir talba għal dak il-għan lill-awtoritajiet doganali responsabbli tal-Unjoni fi żmien sitt xhur minn dik id-data.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika sa ... [sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI
GĦANDHOM IMPATT FUQ IL-BAĠIT LIMITAT B'MOD ESKLUSSIV GĦAN-
NAĦA TAD-DĦUL

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Moldova, min-naħa l-oħra

2. LINJI BAĠITARJI:

Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120

Ammont ibbaġitjat għas-sena 2022: EUR 17 912 606 159

3. IMPATT FINANZJARJU

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

Linja baġitarja	Dħul	Perjodu: parti minn 2022 - parti minn 2023 * (miljuni ta' EUR għal pożizzjoni deċimali waħda)
Artikolu 120 Kapitolu 12 ⁸	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	0.3
Totali		

* Perjodu ta' sena mid-dħul fis-seħħ tar-regolament

Il-kalkoli huma bbażati fuq il-volumi tal-importazzjoni tal-2021 ta' prodotti koperti mir-Regolament propost li jaqbżu l-kwota annwali mingħajr dazju (jiġifieri l-għajnbaqar).

Abbażi tal-kalkoli ta' hawn fuq, it-telf tad-dħul mir-riżorsi proprji tradizzjonali minn din id-Deċiżjoni huwa stmat għal EUR 0.366 miljun (ammont gross, inklużi l-kostijiet tal-ġbir) x 0,75 = EUR 0.274 miljun għall-perjodu inkwistjoni.

⁸ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, imposti taz-zokkor, dazji doganali) l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis tal-25 % tal-kostijiet tal-ġbir.

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Sabiex jiġi evitat frodi, jenħtieġ li l-jedd għall-miżuri kummerċjali awtonomi stabbiliti permezz tar-Regolament propost ikunu kondizzjonali fuq il-fatt li l-Ukrajna tkun ikkonformat mal-kondizzjonijiet rilevanti kollha biex jinkisbu l-benefiċċji skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż ir-regoli tal-orijini tal-prodotti kkonċernati u l-proċeduri relatati magħhom, kif ukoll l-involviment tal-Ukrajna f'kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib mal-Unjoni, kif previst minn dak il-Ftehim.